MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 189/2004

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet taghha Bank of Valletta plc, abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Bank of Valletta plc**

**vs**

**Marilyn Degiorgio illum Debono**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-14 t' April tas-sena 2004 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas is-somma komplessiva ta' elfejn u hames Liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu, (LM2005.81,0), jew somma ohra verjuri li tigi hekk likwidata min din l-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta'

periti nominandi, rappresentanti d-danni sofferti mill-atturi b'rizultat tal-incident li sehh fl-1 ta' Gunju tas-sena 2003, fi Triq in-nutar Zarb, Birkirkara, stante li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte taghha;

2. Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-avviz u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali prezentata kontestwalemnt kontra l-assigurazzjoni taghha, kontra l-konvenuta, li minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-11 ta' Mejju tas-sena 2004 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwent t-2 ta' Gunju tas-sena 2004 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi dak li talbu l-atturi ghandu jigi michud bl-ispejjez billi ghall-incident stradali in kwistjoni kien jahti unikament is-sewwieq tal-vettura tal-atturi;

2. Salv eccezzjonijiet ohra premessi mil-ligi;

Rat id-digriet taghha datat l-4 ta' Mejju tas-sena 2005 li permezz tieghu, wara talba f'dan is-sens mir-rapprezentant legali ta' l-atturi, ordnat li isem il-konvenuta ghandu jaqra "Marilyn Degiorgio illum Debono";

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatt li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi dan huwa kaz li jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fl-1 ta' Gunju tas-sena 2003 ghall-habta ta' l-10.15a.m. go Triq in-nutar Zarb, Birkirkara;

2. Illi l-vetturi involuti kienu dik tat-tip Alfa Romeo bin-numru ta' registrazzjoni KJF – 156 misjuqa minn Kenneth Farrugia u assigurata b'mod komprensiv mal-Bank of Valletta u l-vettura tal-marka Renault Clio bin-numru ta' registrazzjoni GAT – 087 misjuqa mill-konvenuta Marilyn Degiorgio illum Debono;

3. Illi rizultat ta' dan l-incident il-vettura misjuqa minn Farrugia fuq indikat soffriet hsara ammontanti ghal elfejn u hames Liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu, (LM2,005.81,0), li minnhom jirrizulta li s-socjeta' assikuratrici gia gabret hamsa u ghoxrin Lira Maltin, (LM25.00,0), (ara fol 12);

4. Illi l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti gie debitament ikkonfermat minn "surveyor" imqabbad espressament u jirrizulta li s-socjeta' assikuratrici attrici gia' ghamlet tajjeb ghal dawn l-ispejjez u giet wkoll surrogata fid-drittijiet tas-socjeta' proprjetarja tal-vettura de quo, (ara fol 13);

5. Illi skond il-verzjoni tal-konducent tal-vettura assigurata mis-socjeta' attrici fuq indikata u proprjeta tas-socjeta' l-ohra attrici fuq ukoll indikata hu allegat li waqt li kien miexi fid-direzzjoni minn H'Attard lejn Hal Qormi fit-triq fuq imsemmija u waqt li kien qed joqrob lejn it-"traffic lights" li hemm fuq il-post u li kienu bil-kulur ahdar " … f'daqqa wahda fegghet f'nofs it-triq Subaru J10 kulur abjad bin-numru ta' registrazzjoni Gat – 087", (ara fol 32 u 41);

6. Illi l-istess xufier isostni li biex jevita kollizzjoni ma' din il-vettura kiser lejn ix-xellug, tela' fuq is-"central strip" u kkaguna l-hsarat indikati fis-"survey" li jidher a fol 14 et sequitur tal-process;

7. Illi l-istess xufier jallega li l-konvenuta skuzat ruhha ghall-akkadut izda ghalkemm infurmaha biex

ma ssuqx mill-post peress li kien ser icempel lill-pulizija il-konvenuta wara ftit, telqet mill-post wara li kien gie xi hadd jassistiha;

8. Illi skond il-konvenuta din ma kienitx qed issuq vettura tal-marka indikata minn Farrugia fil-paragrafu numru 5 izda vettura tal-marka indikata fil-paragrafu numru 2;

9. Illi l-konvenuta kienet qed issuq mid-direzzjoni ta' Hal-Qormi lejn il-By-Pass ta' l-Imriehel hdejn l-akwadott;

10. Illi ssostni li meta wasslet quddiem it-"traffic lights" li hemm, waqqfet u x'hin id-dawl indika l-kulur ahdar " … dort biex immur lejn il-mini", (ara fol 57);

11. Illi l-istess konvenuta ssostni wkoll li hekk kif bdiet din il-manuvra ndikata fil-paragrafu precedenti " … giet karozza sparata mid-direzzjoni ta' H'Attard, din il-karozza ma kellha x'taqsam mieghi, xejn pero' gratilha "accident", lili ma messnix, pero' peress illi kien gej sparat baqa' diehel go arblu li kien hemm. Jiena kont ilhaqt dort", (ara fol 57);

Ikkunsidrat:

Illi l-fatturi essenzjali ghar-rizoluzzjoni tal-kaz in dizamina huma s-segwenti:

1. Il-verzjonijiet moghtija mill-partijiet huma essenzjalment konfliggenti;

2. Id-deduzzjoni oggettiva li din il-qorti tista' taghmel konsegwenza tal-hsarat riskontrati;

Ikkunsidrat:

Illi dwar l-ewwel kwistjoni tal-verzjonijiet esposti mill-partijiet din il-qorti ma tista' taghmel xejn hlief li tirriskontra li huma konfliggenti fuq diversi fatturi essenzjali fosthom is-segwenti:

1. Il-velocita' li x-xufiera involuti kienu qed isuqu biha fil-hin ta' l-incident;

2. Il-kulur tat-"traffic lights" li l-vetturi kellhom quddiemhom;

3. Il-fatt jekk Farrugia laqatx arblu tad-dawl jew le;

Ikkunsidrat:

Illi pero' mill-hsarat sofferti mix-xufier tal-vettura ta' l-atturi jirrizulta li kien hemm velocita' konsiderevoli li ppermettiet lill-istess vettura titla' fuq is-"central strip" u tinstaq ghal xi distanza fuq il-hamrija;

Illi dan juri li Farrugia kien qed isuq b'velocita' tali li lanqas ippermettielu li jikkontrolla l-vettura tieghu;

Illi ghandu jkun pacifiku li konducent ghandu ir-responsabbilita' li jkun dejjem fil-kontroll tal-vettura li qed isuq u qatt m'gahndu jsuq b'velocita' tali li ma jippermettilux dan;

Ghaldaqstant, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-qorti takkolji l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuta u filwaqt li tiddeciedi li l-imsemmi Kenneth Farrugia kien unikament responsabbli ghall-incident in dizamina, tirrespingi t-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------